# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROCCA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u disgħin (95) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 17 ta' April, 2012, fis-6:50pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Charles Farrugia | Deputat Sindku |

1. Il-laqgħa, minkejja li kienet imsejħa għal nhar id-09 ta' April 2012, kienet posposta għas-16 u imbagħad għas-17 ta' April 2012, wara li kienu ċirkulati sensiela ta' *e-mails* bejn il-kunsillieri u peress li ma kienx se jkun hawn *quorum* u minkejja li kienet imsejħa għas-6:00pm, din bdiet kważi siegħa aktar tard b'Noel Galea, Paul Spiteri u Grace Marie Mallia. Nicholas Briffa wasal fis-7:05pm.

2. Noel Galea qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa tal-KLM.

3. Saret referenza għall-minuti tas-seduta numru tlieta u disgħin (93) propju f'punt 13. Hawn inġibdet l-attenzjoni tal-KLM illi l-attività kulturali, kuntrarju għal dak li hemm fil-minuti, se tinżamm nhar l-ewwel Ġimgħa u mhux l-ewwel Sibt ta' Ottubru.

Punti mill-Minuti:

4. Is-sindku semma x-xogħolijiet tad-drenaġġ qabel ma l-KLM jiksi Triq is-Saljatura. Hu qal li dan, parti kienet qiegħda tferra' (taqleb) lejn Triq il-Qrendi, u parti oħra kienet taqleb lejn Triq iż-Żurrieq. Konsegwenza ta' dan, kien qed ikun hemm żbroff frekwenti f'*basement* fid-dar ta' eks-resident Silvio Coleiro. Għaldaqstant kienet saret estenzjoni biex medda taqbad ma' oħra. Imbagħad kien skopert *leakage* ieħor fil-*basements* minn żewġ persuni oħra li joqogħdu f'residenzi separati fil-viċin tal-post ta' Silvio Coleiro. Is-sindku qal illi bdew iqumu mistoqsijiet jekk għandiex il-medda ta' din it-triq tibqa imqabda ma' dik ta' Triq il-Qrendi. Intant dan l-aħħar, il-ħaddiema tal-*Waste Water Section* fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, skoprew *manhole* mirduma taħt it-tarmak propju quddiem il-mekkanik, u meta fetħuha sabu li kien hemm imblokk f'katusa, minn tliet ġebliet li probabbli inqalgħu minn xi *manhole* fi Triq il-Qrendi. Dwar il-kisi bit-tarmak mill-kuntrattur *Asfaltar Ltd*, se naraw jekk hux se nagħmlu *water catchment* jew jekk hux se joħrog l-ilma tax-xita lejn Triq Ħal Kirkop milli jkun ġej minn Triq is-Saljatura. Illum stess il-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd*, lesta s-servizzi tal-ilma tad-djar ta' Triq il-Murselli, u se jaqbad is-servizzi tal-ilma tad-djar tas-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (il-parti li fadal li ssir).

5. Wara li kien mgħoddi lilna rapport tas-*cctv camera* li kienet mgħoddija minn medda tad-drenaġġ fejn hemm suspett illi fi Triq tas-Sejba hemm ħsara, tant li niżlet it-triq quddiem ir-razzett ta' Wenzu Camilleri, is-sindku niżel f'barriera taħt ir-riħ tat-triq u ra ilma jnixxi mhux kostanti u ħażiż aħdar bl-iswed. Skond Paul Spiteri, meta l-ħażiż ikun sewdieni, dan ikun jindika illi dak li jkun ħiereġ ma' jkunx ilma tal-vit iżda normalment ikun tad-drenaġġ. Madankollu l-istess *cctv camera* ma rrappurtat l-ebda qsim, għajr illi l-medda niżlet 'l isfel b'kollox, li r-riżultat kien deskritt fi kliem is-sindku bħala *deformed pipe.* Għal problemi ta' dipressjoni fit-triq, intqal illi m'hemmx konsenturi għaliex apparentement il-ħajt nieżel bħala travu, b'mod sħiħ. Intant, intqal illi dan jinħtieġ li jinqala' minn postu u jgħaddi minn fuq il-parti aktar sodha tat-triq b'attenzjoni għall-*cables* tal-elettriku tas-*sub-station* li jinsabu

għaddejjin ukoll minn dan il-post, fejn irid isir id-drenaġġ. Probabbli, f'din il-parti, għaddejjin ukoll il-mejnijiet tal-ilma.

6. Noel Galea irrefera għax-xogħolijiet ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Hu fiehem lill-kunsillieri fuq il-pjanta fejn se jsir aktar xogħol peress li ninsabu f'fazi deliktata ħafna, viċin il-katakombi. Hu qal li t-traffiku se jibqa' għaddej (ħiereġ) minn fejn il-mekkanik għal issa (mhux se tingħalaq din il-parti għal issa). Hu qal li l-kuntrattur se jifforma t-triq permezz ta' tqegħid ta' barikati tal-plastik fil-futur biex ikun jista' jsir ix-xogħol. Is-segretarju eżekuttiv qal li saret spezzjoni mill-Aġenzija tal-Pagamenti u l-kuntrattur bagħat l-*invoice* il-bieraħ li se tkun mgħoddija lill-Aġenzija biex ikun proċessat l-ewwel kont ta' aktar minn €38,000 wara li kienet klarifikata minn fejn se joħorġu l-fondi inkluż l-element tal-*VAT*, li se jagħmel tajjeb għalihom il-Ministeru tal-Finanzi.

7. Is-sindku semma l-iskart organiku u l-inċentiv addizzjonali li jinħtieġ illi jinħoloq mill-KLM biex in-nies jisseparaw aktar skart. Dan se jsir billi se tinqata' l-kollezzjoni tal-iskart organiku nhar ta' Tlieta biex dak in-nhar issir ġabra waħda, dik tal-iskart separat. Madankollu l-KLM se jikkonsulta mar-residenti billi se jagħmel avviż fuq il-fuljett. Sadanittant, hu qal li l-kumpanija *Greenpak* se tiltaqa' mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ffurmat minn kunsillieri ġodda biex jiddiskutu magħhom din il-proposta. Intant l-avviż li se joħroġ il-KLM fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett se jkun jgħid illi l-KLM qed jissuġġerixxi illi jaqta' l-ġbir tal-iskart organiku nhar ta' Tlieta, bit-tama li jiżdied l-iskart separat illi jinġabar dak in-nhar. Dan sabiex jekk ikun hemm min għandu xi suġġerimenti x'jagħmel, nitolbuh illi jew jagħmilhom permezz tal-*e-mail* jew bil-miktub sal-aħħar ta' Mejju 2012. Is-segretarju eżekuttiv se jibgħat kopja ta' dan l-abbozz lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* qabel ma jkun ippubblilkat.

8. Dwar il-proposta tas-sindku fl-aħħar laqgħa biex jinxtara vann għall-użu tal-KLM, hu qal li l-ispeċifikazzjonijiet li għaddielu s-segretarju eżekuttiv kienu dwar *leasing.* Is-segretarju eżekuttiv qal illi hu b'hekk xtaq jelimina l-*cost* tal-ħsarat, *VRT*, *insurance* u liċenzja. Is-sindku semma kif dan se joħloq *cost* għoli ferm biex inżommuh u għaldaqstant se naraw jekk nixtrux vann *second hand* wara li jinħolqu speċifikazzjonijiet biex tkun tista' toħroġ offerta pubblika għal dan ix-xiri. Paul Spiteri irrakkomanda li jinxtara vann ġdid, għaliex jemmen illi jekk dan ikun ġdid forsi nieħdu l-ewwel ħames snin minnu mingħajr ħsarat. Intant is-segretarju eżekuttiv minbarra li se jara jsibx xi speċifikazzjonijiet għal ħruġ ta' offerta pubblika se jara jekk li hawn fis-suq *second hand* humiex valutati daqs kemm semma Nicholas Briffa, jiġifieri madwar €2,000.

9. Dwar il-biljett li tela' bix-xorti tal-persuna li sseparat l-iskart, Ms Muscat, is-sindku qal illi hu rranġa biex saret estenzjoni taż-żmien li din se tkun qed tgawdi minn *week end break.* Din issa se tibbenefika minnu f'Mejju, 2012.

10. Dwar ir-residenta ta' Triq il-Kileb, Nicholas Briffa qal illi vera li l-KLM kien għattielha l-katusa li għaddejja minn fuq propjeta pubblika. Dan jikkonferma dak li kien qal Noel Galea filwaqt li ppropona li flok żurżieqa ssir għatba. Is-sindku qal li din xorta se tibqa' perikoluża u m'hemmx rimedju ħlief li l-katusa privata tgħaddi mill-propjetà privata. Dwar rampi fit-triq, intqal illi anke r-rampa ta' resident quddiem *garage* fi Triq Santa Marija, tista' tinqala' għaliex qiegħda hemm għal xejn.

11. Grace Marie Mallia semmiet il-problema ta' Emanuel Zammit ta' Triq Valletta. Dan xtaq li jsirlu *yellow line* quddiem il-bieb tad-dar tiegħu biex ma jipparkjawlux quddiemu. Is-sindku qal illi għalih mhux problema li jsir il-*yellow line* quddiem ir-residenza 'Ġawhra', madankollu jkun jinħtieġ awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand is-Sur Zammit għaliex b'hekk lanqas hu ma jkun jista' jipparkja.

12. Grace Marie Mallia reġgħet semmiet il-grada tal-*gutter* li sfrondat 'l isfel fi Triq San Innoċenzju. Għal dan il-għan, trid tinqala' it-triq, jintrama *shutter* u jiġi mferra' l-konkos mill-ġdid wara li jitkisser il-kumplament li hemm imfarrak bil-*jigger*. Dan ix-xogħol se jsir kollu mil-ħaddiema tal-*IPSL*.

13. Is-segretarju eżekuttiv ta *hard copy* (wara li din kienet mgħoddija bħala *soft copy*) tal-*management letter* tal-Udituri *Grant Thornton* għas-sena 2011, kif ukoll kopja tal-aġġustamenti li qed jipproponu huma li jsiru. Dwar din il-lista, l-*accountant*, Richard Falzon, talab li tkun approvata mill-KLM. Il-KLM filwaqt li approva l-aġġustamenti tal-udituri, iddiskuta l-*management letter* b'mod speċjali il-kwalifika li saritilna fil-preżentazzjoni tal-*financial statements 2011.* Minkejja li se jibqa' jsir ix-xogħol xorta fuq l-aġġustamenti li indikaw kemm l-Udituri *Grant Thornton* kif ukoll in-nuqqasijiet li kienu innutaw in-*National Audit Office*, is-sindku ppropona illi għandha ssir laqgħa uffiċjali (tal-KLM) mal-*accountant* b'suġġett wieħed fuq l-aġenda nhar it-3 ta' Mejju, 2012 fis-6:00pm. Is-segretarju eżekuttiv se jistiednu sabiex dan ikun preżenti.

14. Il-proposta ħarġa għal Għawdex mill-KLM kienet diskussa u s-sindku qal illi l-*Gozo Channel* qatgħu l-inċentiva li kienu qed joffru permezz ta' prezzijiet speċjali għall-adulti fi grupp. Intant ġew konfermati illi l-vapur jiswa €4.65 u t-trasport u l-ikel mingħand is-*Seashells Restaurant* se jkun jiswa €12.98. It-total, inkluż it-trasport f'Malta, se jkun ridott għall €20.50. Għall-anzjani peress li dawn ma jħallsux tal-vapur minħabba l-kartanzjan, il-prezz se jkun ridott minn €17.03 għal €16 u prezz ġdid għat-tfal, kollha inklużi bit-trasport f'Malta wkoll. Biex żgur nilħqu l-vapur tat-8:15am minħabba id-devjazzjonijiet li hemm fiċ-Ċirkewwa, se nitilqu nhar it-30 ta' Mejju, 2012 fis-6:45am. Il-programm se jkun jinkludi wkoll quddiesa fil-għaxija fiż-Żebbuġ, u se niġu lura fis-7:15pm.

15. Is-segretarju eżekuttiv ta fotokopja tal-*BOQs* u dawk id-dokumenti li ħass li kienu relevanti lill-kunsillieri tal-Imqabba biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata fuq l-għażla tal-kwotazzjonijiet u l-offerti. Fost dawk li kienu aġġudikati kien hemm il-kwotazzjoni tal-assikurazzjoni tal-kunsill. Il-kunsillieri waslu għal deċiżjoni unanima illi din tingħata lill-*Island Insurance Brokers*, għaliex dawn ikkwotaw l-orħos prezz, peress li Melita Unipol fil-Public Liability eskludew *ir-road streets and pavements* (*f'Option B*). Għaldaqstant is-segretarju eżekuttiv fil-ġranet li ġejjin se jħejji d-dokumentazzjoni biex il-KLM mill-*Melita Unipol* li konna ilna niġu nxurjati minnhom għal dawn l-aħħar tmintax-il sena, jaqleb għall-*Island Insurance Brokers.*

16. Dwar l-offerta tal-bini ta' sit elettroniku biex ikun jista' jippromwovi l-*heritage trail* li ppropona l-KLM f'Miżura 313, Grace Marie Mallia ddikjarat interess pekunarju u għaldaqstant ma ħaditx sehem fid-diskussjoni u l-vot. Intant il-kunsillieri l-oħra qablu unanimament illi l-offerta tingħata lill-*Hive Information Systems, Option A*, filwaqt li kienet skartata *Option B* tal-istess kuntrattur u l-*bids* tal-kuntratturi l-oħra. Ir-raġuni kienet bħal ta' qabilha – għax kienet l-orħos offerta.

17. Dwar l-offerta tal-latrina pubblika kien deċiż illi inwaqqgħu din it-*tender* u għalhekk għandha terġa' toħroġ mill-ġdid, għaliex is-sindku qal li bil-ħin li qed iqatta' l-kuntrattur preżenti (Grace Barbara) jammonta għal *'attended for 50% of the opening hours'*. Għaldaqstant dan hu attribwit mas-servizz offrut lilna elenkat f'*Option 2*. Hu qal li madankollu l-*bids* li għandna fuq *Option 2* huma għoljin ħafna u jinħtieġ illi din l-offerta terġa' toħroġ. Il-kunsillieri l-oħra qablu unanimament ma' din il-proposta u se toħroġ l-offerta mill-ġdid li se tkun tassattiva b'*50% attended.*

18. Kienet approvata l-*payment approval sheet* numru 434 minkejja li kien innutat li l-pagi tax-xahar ta' Marzu 2012 kienu imdaħħla doppji u għalhekk maqtugħa qabel ma tidher fis-sit uffiċjali tal-kunsill.

F'punti oħra:

19. Kienet diskussa talba li saret mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija biex itellgħu Ġimgħa Marjana bejn il-21-25 Mejju 2012 ġewwa l-Isptar il-Qadim. Il-KLM ma kellu l-ebda oġġezzjoni biex dawn jingħataw il-permess u jużaw biss il-kamra l-kbira, l-bitħa u t-*toilets* minkejja li l-imfietaħ għaż-żmien tal-armar (ta' statwi u affarijiet reliġjużi) se jkunu dawn. Iċ-ċavetta tingħata nhar id-19 ta' Mejju 2012 u jarmaw fl-Isptar il-Qadim mit-8:00am sa nofs in-nhar u mill-4:00pm sas-7:00pm, u mil-21 sas-26 ta' Mejju 2012 fl-istess ħinijiet wara li timtela l-applikazzjoni u jitħarsu r-regolamenti li kien għamel il-KLM.

20. Is-sindku semma l-proġett ta' *embellishment* li kien approvat mill-*MEPA*, permezz ta' *DNO* li kienu applikaw permezz tagħha is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ). Dan l-*embellishment* se jkun jikkonsisti illi titpoġġa statwa tal-Madonna tal-Ġilju fil-Ġnien tal-Ġibjun u jiġi *embellished* il-ġnien kollu mill-istess soċjetà. Il-KLM qal li jidher ġej proġett sabiħ. Madankollu l-għamara tat-toroq li kien waħħal il-KLM madwar sena ilu, fosthom it-tinda, l-umbrella, il-bankijiet u l-unika bozza fotovoltaika li kellna fir-raħal se jkollhom jinqalgħu sal-aħħar ta' dan ix-xahar u jeħlu f'post ieħor. Il-KLM hu preokkupat bil-manutenzjoni tal-ġnien la darba dan il-proġett iseħħ. Is-sindku qal li importanti li dan ikun miktub jekk mhux għalina, għall-kunsilli futuri. Dan għaliex jekk ikun hemm telqa f'dik li hi manutenzjoni ta' dan il-ġnien, il-pubbliku se jwaħħal fil-KLM li mhux qed jagħti każ tiegħu. Għaldaqstant qed tintalab laqgħa mas-SMMTĠ permezz ta' ittra li se jibagħtilhom is-segretarju eżekuttiv biex din il-laqgħa sseħħ nhar l-24 ta' April, 2012, fis-7:00pm, fil-Bini Amministrattiv tal-KLM. F'din il-laqgħa, il-kunsill lokali se jiddiskuti l-proġett li se jsir mis-SMMTG fl-*area* ta' viċin il-ġibjun, għaliex iħoss li għandu bżonn aktar klarifikazzjoni, fosthom jekk per eżempju kienetx devoluta l-art lis-soċjetà.

21. Is-sindku semma s-servizz li se jagħti id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali mill-KLM. Il-kunsillieri kienu provduti b'abbozz ta' *memorandum of understanding* li hu intenzjonat li jkun iffirmat fil-futur qrib. Il-kunsillieri ma kellhom l-ebda oġġezzjoni biex dan is-servizz jingħata minkejja li hemm bżonn spejjeż ta' mejda u *computer* ieħor li se jużaw dawn l-uffiċjali fis-sular t'isfel tal-*customer care* meta ma tkunx fil-għodu preżenti Mersia Mackay – biex l-uffiċċju jkun vojt, minħabba kunfidenzjalità.

22. Issemmiet ukoll proposta ta' ġurnata għal Sqallija, propju f'*Raguza* bil-*catamaran*, xi ġurnata nhar ta' Erbgħa bil-vjaġġ jieqaf f'*Pozzallo*. Din se tkun bl-ikel li jippromwovi l-agrituriżmu. Fost affarijiet oħra li se jżuru se jkun hemm *excursion* għall-fabbrika taċ-ċikkulata. Il-kbar se jħallsu €103, u dawk taħt l-14-il sena se jħallsu €49. Din il-mawra jekk issir, se tinżamm kif appena tgħaddi l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.

23. Il-laqgħa ntemmet fl-10:20pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*03/ 05/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |